# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' April 2022**

**Talba Nru: 288/20 JG**
**Numru fuq il-lista: 4**

**Ozomalta Ltd (C 9023)**

**Vs**

**No Deposit Cars Malta (C 857080)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2020, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li s-soċjetá konvenuta debitri tas-soċjetá attriċi fl-ammont ta' elf, erba' mija, ħamsa u sittin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1465.56c) u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas l-

istess ammont lis-soċjetá attriċi għar-raġunijiet aħjar imfissra fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-imgħax kummerċjali[1].

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż;

Ra r-risposta tas-soċjetá konvenuta datata 1 ta' Frar 2021[2];

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 28 ta' Ġunju 2021 permezz ta' liema ammetta r-risposta tas-soċjetá konvenuta[3];

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjetá attriċi fl-10 ta' Settembru 2021[4];

Sema' x-xhieda ta' Zvgezdan Vuckovic[5];

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tat-12 ta' Jannar 2022[6];

Ra dak li seħħ fis-seduta tas-7 ta' April 2022, fejn l-avukat difensur tas-soċjetá konvenuta ppreżentata nota t'ammissjoni[7];

Ra li dan il-proċess tħalla għas-sentenza fis-seduta tal-21 ta' April 2022.

Ra l-atti proċesswali kollha;

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol 12 *et seq* tal-proċess.
[3] A foll 29 u 30 tal-proċess.
[4] Nota relattiva tinsab a fol 31 tal-proċess.
[5] Magħmula fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2021.
[6] A fol 94 tal-proċess.
[7] Nota relattiva tinsab a fol 106 tal-proċess.

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie senjalat hawn fuq, l-avukat difensur tas-soċjetá konvenuta f'dawn il-proċeduri għażlet li tammetti t-talba fil-konfront tagħha[8]. Huwa ndubitat li ammissjoni bħal din hija aktar qawwija minn kull prova oħra għaliex "*confessio est probatio probatissima"*[9]. Għalhekk, f'każ fejn din iseħħ, idejn it-Tribunal ikunu marbuta u jkun jista biss jilqa' t-talba[10]. Jiġi wkoll mfakkar li meta s-seħħ ammissjoni, ġudikant għandu jgħaddi sabiex jilqá dak mitlub iżda mhux li jiddikjara l-mertu tal-proċediment eżawrit[11].

Illi din l-ammissjoni saret mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni u għalhekk tattira wkoll dik il-parti tat-Talba li qiegħda titlob l-imgħax ai termini tal-artikolu 26Ċ tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk, in vista ta' dan, kif ukoll tar-riżultanzi hekk kif jemerġu mill-proċess sħiħ, it-Tribunal sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-Talba kif dedotta.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma ta'

---

[8] Rilevanti għalhekk dak li jrid l-artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[9] *La confessione é la superprova.* – Brocardo 940 *bis* – **<u>Dizionario dei Termini Ġiuridici e dei Brocardi Latini,</u>** Edoardo Mori, VII ed, fol 101.

[10] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Kimberley Joy Agius vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali, (App Ċiv 17/2010) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010 fejn ġie mfakkar hekk: *"Bizzejjed wiehed ifakkar hawn illi, kif deciz, skond il-ligi tal-procedura, l-ammissjoni hija reġina probationum u bizzejjed biex il-kaz jinghalaq. Ara "Carmelo Bonnici nomine -vs- Ronald Farrugia et", Appell Civili, 26 ta' Ottubru, 1970."*

[11] *Vide* f'dan is-sens dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Maria Grima vs Alfret Attard et</u>**, (App Ċiv Nru: 3/2013/2), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2020. Inċidentalment, saret referenza (u dak hemm deċiż reġa ġie kkonfermat) għal din is-sentenza riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **<u>HSBC Bank Malta p.l.c. vs Lawrence Grima et,</u>** (Rik Ġur Nru: 646/2021 CFS) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-8 ta' Ottubru 2021.

elf, erba’ mija, ħamsa u sittin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€1465.56c) bl-imgħax legali mit-12 ta’ Diċembru 2019[12] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[12] Data tal-aħħar fattura kif indikat f’Dok B anness mal-Avviż tat-Talba.